KUNSILL LOKALI PAOLA

*Ref*: 34/7/194/17

# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Paola

SEBGĦA LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 34

*It-Tnejn, 30 ta' Ottubru, 2017*

Il-Kunsill Lokali Paola ltaqa' fl-uffiċini amministrattivi tiegħu, fi Ġnien Pawlu Boffa, Triq il-Knisja, Paola it-Tnejn 30 ta' Ottubru, 2017. Il-laqgħa bdiet fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Dominic Grima-*Sindku* |
| | Roderick Spiteri-*Kunsillier* |
| | Bernard Sean Lynch-*Kunsillier* |
| | Nicholas Seychell-*Kunsillier* |
| | Tyrone Muscat-*Kunsillier* |
| **Assenti b'apoloġija** (Skont Ordni Permanenti 14A (3): | Steven Axisa-*Viċi Sindku* |
| | Ivan Bartolo-*Kunsillier* |
| **Assenti:** | |
| **Uffiċjal Preżenti:** | Kurt Scerri-*Segretarju Eżekuttiv* |

KUNSILL LOKALI PAOLA

# Minuti

Is-Sindku Dominic Grima ippreseda l-laqgħa.

**1. <u>Qari tal-ittri ta' apoloġija</u>**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi kien rċieva żewġ ittri ta' apoloġija mingħand il-Viċi Sindku Axisa u l-Kunsillier Bartolo. Il-membri qablu li huma ikunu skużati

**2. <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

2.1. Il-Minuti nr.33 ġew approvati *nem com.*

**3. <u>Korrispondenza</u>**

3.1. Talba mill-iskola Primarja A fejn qed jitolbu li l-Kunsill jikkollabora magħhom fl-attività sportiva li ser jorganizzaw fi tmiem Novembru. Il-membri qablu li l-Kunsill jassisti fl-immaniġġjar tat-traffiku.

3.2. Ittra mingħand Transport Malta sabiex jitolbu *no objection* mill-Kunsill Lokali Paola għall-Proġett tal-Mina ta' Santa Luċija. Il-membri iddiskutew dan is-suġġett u qablu li l-Kunsill m'għandux oġġezzjoni għal dan il-proġett sakemm:

3.2.1. Jiġu ikkonsultati ir-residenti li ser jiġu affettwati mill-proġett
3.2.2. Jingiebu il-permessi neċessarji kollha mill-Awtoritajiet konċernati
3.2.3. Tinġieb clearance mid-Dipartiment tal-Artijiet għall-użu tal-art sabiex isir il-proġett.

**4. <u>*Sejħiet għall-Offerti/Kwotazzjonijiet*</u>**

4.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri li l-Kumitat għall-Evalwazzjoni tal-Offerti iltaqa' sabiex jiddiskuti l-offerta tal-Bankini u Patching u ġie ppreżentat ir-rapport tal-Kumitat tal-Offerti lil membri tal-Kunsill li kien qed jirrakkomanda li l-offerta tingħata lil Schembri Infrastructures Ltd bħala l-orħos offerta valida. Il-membri approvaw li tingħata din l-offerta.

## 5. Korsijiet tal-Kompjuter

5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi kienet twasslet fil-Kunsill offerta sabiex isir kors tal-kompjuter għall-anzjani imħaddem mit-TCTC liema kors ser ikun fih bosta benefiċċji għall-anzjani. Il-membri approvaw l-ispiża ta' €1,100 għal dan il-kors.

## 6. Jum Paola

6.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri illi kienet twasslet korrispondenza lill-għaqdiet tal-lokal sabiex jinnominaw persuni sabiex jingħataw Ġieħ Paola. Is-Sindku ippropona li huwa jċempel lis-Segretarji sabiex jinnominaw lil xi ħadd. Il-membri qablu li sakemm ma jitwasslux nomini validi għal persuni li jieħdu Ġieħ Paola dan jingħata lis-Soċjetajiet Mużikali ta' Kristu Re għal-kollaborazzjoni tagħhom flimkien u għax-xogħol tagħhom tul iż-żminijiet.

6.2. Il-membri qablu wkoll li jingħata rikonoxximent lil dawn il-persuni:

6.2.1. Lil Anthony Gatt bħala apprezzament għas-servizz mogħti lil Kunsill Lokali Paola u lil komunità ta' Paola.

6.2.2. Lil John Agius bħala apprezzament għall-għajnuna u s-sostenn li joffri lil bosta għaqdiet ġewwa Raħal Ġdid kif ukoll għall-impenn ċiviku tiegħu fil-lokalita`.

6.2.3. Lil Gian Carlo Vella bħala apprezzament għas-sehem tiegħu fil-maratona Alive 2017.

6.2.4. Lil Rita Tagliaferro bħala apprezzament għal-lealtà murija lil klabb tal-Hibernians tul is-snin.

6.2.5. Lil Frances Ciangura, Tania Cauchi, Violet Dalli, Josephine Mangion u Tania Psaila bħala apprezzament għall-ħidma volontarja fiċ-Ċentru Anzjanità Attiva tal-Kunsill Lokali Paola.

6.3. Il-Kunsillier Lynch aġġorna lil membri bl-aħħar preparamenti għaċ-ċelebrazzjoni ta' Jum Paola 2017 fejn qal li l-quddies ser issir is-Sibt stess qabel il-kunċert u l-għoti tad-demm ser isir l-Ħadd.

## 7. Staff

7.1. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil membri fl-aħħar laqgħa kien hemm suġġerit illi is-sejħa tal-impjegat fi Skala 16 issir fi skala 15 fejn naraw mad-Dipartiment jekk hux possibbli li bi skala 15 isiru id-dmirijiet kif mitluba fis-sejħa preċedenti. Wara diskussjonijiet ma' uffiċjali tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali is-Segretarju Eżekuttiv qal li ġie iċċarat kif dan mhux possibbli isir fid-dawl tal-liġi li tkopri l-istaff tal-Kunsilli Lokali. Għaldaqstant wara diskussjoni il-membri qablu li is-sejħa għal-impjegat fuq skala 15 tinħareġ sabiex anke il-persuna tieħu post Doreen Fenech li kienet bl-iskema CIES li temmet l-impjieg tagħha biex tieħu ħsieb il-familja tagħha.

7.2. Dwar is-servizz ta' ħaddiem fuq barra id-Dipartiment qal li l-Kunsill għandu jaħdem b'servizzi ta' kuntratturi. Il-membri iddiskutew dan il-punt u qalu li għanda issir riċerka sabiex jekk possibbli tinħareġ sejħa għall-xogħol ta' *turnkey* jew inkella kuntratt li joħroġ b'lots għal-plumbing/xogħol ta' kisi etc. Sadanittant is-Sindku qal li ser ikollu isir xi xogħol b'kuntratturi u jimxi mal-limitu mogħti bħala *direct order.*

## 8. Milied 2017

8.1. Is-Sindku Dominic Grima qal li ġie avviċinat mis-Segretarju Parlamentari Silvio Parnis sabiex id-Dipartiment għall-Gvern Lokali jagħti is-sehem tiegħu biex issir l-attività tal-Milied f'Casal Paola. Is-Sindku qal li illum kien iltaqa' mar-rappreżentanti tas-Soċjeta De Paul u Banda Kristu Sultan fejn kien hemm qbil li tad-De Paule ser jieħdu ħsieb tal-Milied u ta' Kristu Sultan jagħmlu attività fil-bidu tas-sena. Is-Sindku kompla li l-attività tal-Milied ser issir fis-16 ta' Diċembru u ser issir fuq livell akbar mis-soltu.

8.2. Is-Sindku qal ukoll li beda ix-xogħol fuq l-attivitajiet tal-Milied. Il-Kunsillier Lynch qal li jista' isir booking għal Palace għal-party tal-anzjani fl-14 ta' Diċembru għax din kienet l-unika ġurnata offruta lilu. Il-membri qablu li l-party tal-anzjani isir f'din id-data.

## 9. Komunikazzjoni mis-Sindku

9.1. Is-Sindku informa lil membri illi ġie infurmat dwar il-problemi kbar li hemm fid-dawl ta' Ġnien Lorry Sant. Il-Kuntrattur tal-Kunsill qal li infurmah li minħabba l-problemi li hemm irid jitneħħa id-dawl kollu u isir mill-ġdid. Għaldaqstant qal li ser isir xi xogħol mill-kuntrattur biex jara kif jista' isir ix-xogħol li hemm bżonn.

Il-membri iddiskutew ukoll il-possibilitajiet li jistgħu isiru u qablu li jitkomplew id-diskussjonijiet sabiex din il-problema tissolva.

9.2. Is-Sindku informa lil membri illi huwa kien talab għal bosta drabi lil Perit tal-Kunsill Christopher Mintoff sabiex jipprovdi il-pjanti tal-proġetti li qed jaħdem fuqhom il-Kunsill kif ukoll l-istimi kollha neċessarji. Kompla billi sfortunatament dawn ma waslux u qal li qed tkun diffiċli sabiex il-Perit ilaħħaq mal-impenji tiegħu. Il-membri qablu li s-Sindku għandu ikellem lil Perit b'mod uffiċjali sabiex jara jekk għandux interess ikompli jaħdem fuq ix-xogħol tal-Kunsill jew le. Il-Kunsillier Lynch xtaq jistaqsi fejn hija l-korrispondenza mal-perit turi dan għax din hija l-ewwel darba li sema b'dan. Is-Sindku irrisponda li huwa isemmi dan għal bosta drabi u fakkar li l-Kunsillier Lynch kien skużat għal-laqgħa minnhom fejn kienu diskussi dawn l-proġetti.

9.3. Fuq il-fuljett ta' Jum Paola, is-Sindku qal li is-Sur Stefan Zahra offra li jagħmel id-disinn ta' dan il-magazine u issir ħarġa kompluta kif kien isir qabel. Il-membri qablu.

9.4. Dwar ritratt li deher fuq Facebook mill-Kunsillier Seychell, is-Sindku talab sabiex meta jkun hemm ilmenti simili wieħed għandu ikellem lis-Sindku sabiex l-ilment jissolva u mhux isir post fuq facebook li fih jiġi ikkritikat ix-xogħol tal-Kunsill. Il-Kunsillier Seychell qal li huwa għamel l-ilment fl-uffiċju tal-Kunsill.

## 10. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

10.1. Il-Kunsillier Roderick Spiteri staqsa jekk is-Sindku għandux informazzjoni dwar ix-xogħol ta' Ġnien Dom Mintoff. Is-Sindku qal li l-aħħar informazzjoni li twaslitlu hija li l-proġett ser isir mill-Water Services Corporation u hemm bżonn li jinbidlu il-pjanti għax l-ispiża hija waħda kbira. Is-Sindku kompla li huwa kien mitlub jinforma ir-residenti illi ser ikollu isir barrier u jitneħħa il-parkeġġ sabiex ikun jista' isir water culvert mad-dawra tal-ġnien.

## 11. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

11.1. Il-membri tal-Kunsill Lokali approvaw l-iskeda ta' Pagamenti Nru. 33 għas-somma ta' €59,667.93.

**Kunsill Lokali Paola**

**12. <u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss</u>**

12.1. Il-Laqgħa ġiet magħluqa fis-7:00pm u ġiet aġġornata għal-Erbgħa 29 ta' Novembru 2017.

12.2. Konfermati, illum l-Erbgħa 29 ta' Novembru 2017.

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

Kurt Scerri
Segretarju Eżekuttiv

Dominic Grima
Sindku